MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2003

Numru 558/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvette Farrugia)**

**vs**

**CLINTON CARUANA**

**Illum 21 ta' Lulju, 2003**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Clinton Caruana ta' 21 sena iben Nazzareno u Carmen mitwielda Schembri, mwieled Pieta fis-7.7.1982 u joqghod 22, Triq id-9 ta' April, Hal Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 369082(M) gie akkuzat:

Talli fit-4 ta’ Ottubru 2002 ghall-habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ bil-lejl, fi Triq l-Iskola gewwa Hal-Luqa, ikkommetta serq ta’ stereo tal-marka Fenner ta’ valur ta’ Lm26, minn go vettura tal-marka Citroen bin-numru tar-registrazzjoni EAH 085 ghad-dannu ta’ Titan International Ltd Gzira, liema serq hu aggravat bil-hin u xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli: fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ fuq il-vettura tal-marka Citroen bin-numru tar-registrazzjoni EAH 085 ghad-dannu ta’ Titan International Ltd Gzira, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin.

U aktar talli: f’dawn l-ahhar xhur fuq dawn il-gzejjer xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa u cioe’ stereo tal-marka Fenner ta’ vettura ta’ valur ta’ Lm26 mehud jew akkwistat b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghu jew imexxieh ghad-dannu ta’ Titan International Ltd. Gzira.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok YF3 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Yvette Farrugia iddikjarat li in kwantu ghat-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni din l-akkuza nghatat fil-konfront tal-imputat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u ghalhekk talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le, u wara li rega’ gie mistoqsi jekk iridx jikkonferma l-

ammissjoni tieghu jew le, rega’ wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza.

Innutat ukoll li fil-verbal tas-Seduta tal-lum l-Ufficjal Prosekutur iddijarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, li diga’ rritorna r-rifurtiva u li hallas l-ammont kollu tal-hsara minnu kagunata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261 (f) u (g), 270, 271, 281 (b) u 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Clinton Caruana fuq ammissjoni hati tal-ewwel akkuza u tat-tieni akkuza u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta’ ta’ l-imputat, il-fedina penali netta tieghu, il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, li l-imputat irritorna r-rifurtiva u li hallas l-ammont kollu tal-hsara minnu kagunata kif ukoll li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inkwantu ghat-tielet akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, stante li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Clinton Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------